**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Nru: 375/2014 MLF**

**GO p.l.c**
**vs**
**Andrew Vasuani**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' kummercjali GO p.l.c., konfermat bil-gurament mill-Prokuratur Legali Noel Scerri, debitament awtorizzat, fejn espona:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Andrew Vasuani (Avv Nru 47/05 JAB) giet deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2005, u fl-istess kawza l-konvenut gie kkundannat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elfejn seba' mija tlieta u tletin Lira Maltin, u sebghin centezmu valuta antika (Lm2,733.70) ekwivalenti ghall-sitt elef tlett mija u sebgha u sittin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€6,367.81) in konnessjoni ma diversi servizzi telefonici.
2. Illi s-socjeta' rikorrenti gia Maltacom p.l.c. bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe' C22334.

3. Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre sitt mija tmienja u disghin Euro wiehed u tmenin centezmu (€698.81) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A", kif ukoll l-imghax legali mid-data tas-sentenza.
4. Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tghamel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, pero dan nonostante, la deher ghas-seduti u lanqas ipprezenta risposta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat illi fis-seduta tal-25 t'April, 2016 Marisa Galea Debono, impjegata bhala manager credit controller mas-socjeta rikorrenti, xehdet bil-gurament illi minn meta nqatghet is-sentenza kontra l-intimat minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Dicembru, 2005, l-intimat qatt ma hallas xejn mill-ammont kanonizzat kontra tieghu.

Dik is-seduta kienet intiza ghall-provi kollha tal-partijiet, u l-intimat la deher u lanqas ipproduca provi.

Din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Marisa Galea Debono fuq citata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. kontra Andrew Vasuani" (Avv Nru 47/05 JAB) li giet deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-12 ta' Dicembru, 2005.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**